



# In-Niċeċ f'Ħad-Dingli

## it-tieni parti

*Tagħrif miġbur minn Antoine Azzopardi B.A. (Hons) PGCE, M.A. (Wales)*

Huma ħafna dawk l-aspetti tal-ħajja tagħna f'dan ir-raħal għażiż ta' Ħad-Dingli li jiġbdu l-attenzjoni ta' bosta. Ngħixu f'raħal li hu mimli storja u karatteristiċi tipiċi Maltin u li xi kultant ftit napprezzaw ir-rikkezza kulturali li fihom. Il-mixja tal-poplu tul is-snin kienet immarkata mill-fidi u dak li jfakkar lill-poplu ta' Ħad-Dingli li, minkejja l-isfidi tal-ħajja, m'humiex minsija mis-sema.

F'din ir-rokna qed inkomplu l-ġabra ta' niċeċ li nsibu fir-raħal ta' Ħad-Dingli u li permezz tagħhom, il-poplu ta' Ħad-Dingli ftakar (u mistieden ikompli jiftakar) li Alla u, b'mod partikolari wkoll ommu, Marija qed iħarsu lil dar-raħal u d-Dinglin li jgħixu fih.

**Hemm niċċa waħda fi Triq il-Maddalena.**

(i) Niċċa ta' San Pawl

In-niċċa f'din it-triq turi lil San Pawl, il-patrun tal-gżejjer tagħna fil-pożizzjoni tradizzjonali, isellem b'idu l-leminija merfugħha 'l fuq waqt li jżomm il-Kelma t'Alla u x-xabla b'idu x-xellugija. Din in-niċċa skolpita fil-ġebla Maltija hija mżejna b'lavur pjuttost elaborat, saħansitra minn taħt tidher ukoll il-kuruna tar-rebħa fil-martirju. L-istatwa fiha dettall mirqum minkejja ċ-ċokon tagħha. Meta wieħed jikkunsidra li din in-niċċa hija biss ġebla Maltija u mhux mimsusa b'ebda żebgħa, il-kundizzjoni tagħha hija waħda tajba ferm.



**Hemm niċċa waħda fi Triq Ġużè Ellul Mercer.**

(i) Niċċa tal-Assunta

Din in-niċċa hija waħda interessanti ħafna għax ma saritx mal-bini tad-dar iżda saret maż-żmien, fl-2004. Apparti dan, tinsab f'ambjent li huwa reċenti u modern ħafna. Din in-niċċa turina replika fil-ġebel tal-vara titulari. Minkejja li nżammet fuq il-ġebla, fiha tiżjin sempliċi li sar mis-Sur Christino Pisani, liema tiżjin huwa biżżejjed biex jiġbed l-għajn li tiffoka fuq l-istatwa tal-iskultur Charles Micallef.



**Hemm waħda fi Triq San Pawl tal-Pitkali.**

(i) San Pawl

Din 'in-niċċa' hija partikolari u unika tax-xorta tagħha. L-istatwa ta' San Pawl tinsab fuq remissa li fl-antik kienet isservi ta' pitkalija għall-bdiewa Dinglin. Fil-verità din mhux niċċa iżda statwa merfugħa 'l fuq, fuq il-bini. Partikolari ħafna tax-xorta tagħha, din l-istatwa wkoll tpoġġi lil San Pawl fil-pożizzjoni tradizzjonali tagħha. Fis-27 ta' Ġunju 1850, il-Vigarju tal-Knisja ta' Malta kkonċeda 40 jum ta' ndulġenza għal min jitlob Pater, Ave u Gloria quddiem din l-istatwa.



Maż-żmien l-istatwa ta' San Pawl sofriet ħsarat kbar u kważi kienet sfigurata anke peress li tinsab viċin ħafna tal-baħar u esposta għall-elemeti. Bi sforz pożittiv ħafna f'Marzu 2011 ġiet irrestawrata l-istatwa kif ukoll il-faċċata tar-remissa. Il-madwar ta' din ir-remissa wkoll ġie mtejjeb hekk kif issa nsibu bħal zona ta' mistrieħ għal min ikun qed iżur l-inħawi pittoreski. Din l-inizjattiva saret mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli fil-proġett tal-Heritage Trail li sar ftit tas-snin ilu.

Kull rokna ta' dan ir-raħal li fiha hemm xi tifkira tat-twemmin li l-poplu f'Ħad-Dingli ħaddan u għożż sa llum, fiha mwaħħad fiha l-kultura flimkien mal-fidi. Il-kultura artistika fl-arkitettura u x-xogħol tal-ġebel tixgħel ġo fiha il-fidi li mbuttat biex isiru dawn l-opri. Żgur li t-tiżjin kien parti mill-ħsieb ta' min xtaq jagħmel in-niċċa, iżda ma kienx l-għan aħħari hekk kif l-istess arti tfakkar u tħeġġeġ li Ħad-Dingli u d-Dinglin huma qrib tal-Ħallieq permezz tal-arti u jistgħu jkunu anke eqreb permezz tal-fidi.